MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ANTONIO MICALLEF TRIGONA**

Seduta tat-13 ta' Novembru, 2003

Numru 190/2003

**Il-Pulizija**
**(Spettur Christopher Pullicino)**

**vs**

**Charles Guntrip**
**Renald Barbara**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi kontra l-imputati Charles Guntrip ta' 23 sena iben Joseph u Grace nee' Galea, imwieled Mtarfa nhar fis-17 ta' Lulju 1979 u li joqghod numru 62, Doni Street, Rabat, u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 355579 M u Renald Barbara, 21 sena, iben Paul u Vincenza nee' Fenech, imwieled il-Pieta` fil-25 ta' Frar, 1981 u li joqghod

7, Triq Gheriexem, Rabat u detentur tal-Karta ta' l-Identita numru 129981 M.

Akkuzat:

1. talli mill-kappella tal-Madonna tal-Girgenti sitwata fis-Siggiewi, nhar l-1 ta' Gunju, 2002, ikkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom flus u kuruni, liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz u bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin izda mhux l-elf lira Maltin u sar ghad-dannu tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni;

2. talli minn gewwa garage ta' residenza mhux maghrufa f'Santa Maria Estate fil-Mellieha, f'xi gurnata f'Mejju, 2002, kkommettew serq ta' diversi oggetti fosthom zewg muturi tal-bahar outboard, liema serq huwa kkwalifikat bil-valur li jeccedi l-mitt lira Maltin izda mhux aktar minn elf lira Maltin u bin-natura tal-oggett misruq u sar ghad-dannu ta' persuni mhux maghrufa;

3. talli f'dawn il-gzejjer, fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, volontarjament hassru, ghamlu hsara jew gharrqu hwejjeg haddiehor, mobbli jew immobbli liema hsara hija aktar minn hamsin lira Maltin izda ma tiskorrix il-hames mitt lira Maltin, ghad-dannu ta' derigenti tal-istess Moviment;

4. talli f'diversi fil-perjodu ta' bejn l-1 ta' Mejju, 2002 u t-30 ta' Gunju, 2002 f'hinijiet, postijiet u cirkostanzi differenti, xjentement laqghu ghandhom jew xtraw hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq jew akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta kif ukoll barra minn Malta, jew xjentement, b'kull mod li jkun indahlu biex ibieghuhom jew imexxuhom;

Renald Barbara wahdu talli:

5. Irrenda ruhu recediv ai termini tal-Artikoli 49, 50 u 289 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, b'diversi sentenzi moghtija mill-Qrati ta' Malta, liema sentenzi saru definittivi u ma jistawx jigu mibdula;

6. talli kiser il-provediment tal-Artikolu 5 tal-Kap152 tal-Ligijiet ta' Malta ta' sentenza datata 22 ta' Jannar, 2001 fejn huwa kien instab hati ta' reat u lliberat bil-kundizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien tlett snin.

Ra n-nota tal-Avukat Generali sabiex din il-kawza tinstema' sommarjament mhux opposta;

Semghet lill-imputati jammettu l-akkuzi fl-liema ammissjoni huma nsistew anke wara li l-Qorti tathom zmien jikkunsidraw;

Rat l-atti u d-dokumenti kollha;

Ikkonsidrat:

L-akkuzi jitrattaw serq, hsara volontarja, recettazzjoni u recidiva li pero` tolqot biss lill-imputat Renald Barbara;

Waqt li rat l-fedini penali rispettivi u hadet taghrif dwar l-attwali cirkostanzi tal-imputati fejn irrizulta li qeghdin jahdmu u mixjin fi triq it-tajba, rat l-Artikoli 261, 264, 267, 279, 280, 281, 325, 49 u 50 (fil-konfront tal-imputat Renald Barbara) u tiddeciedi li tapplika fil-konfront ta' kull wiehed minnhom l-Artikolu 7 tal-Kap 446 billi tqeghdhom taht ordni ta' probation ghal perjodu ta' sentejn lill-imputat Charles Guntrip u tlett snin lill-imputat Renald Barbara.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------